# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 431/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**OMISSIS OMISSIS**

Illum 27 ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **OMISSIS OMISSIS**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru OMISSIS, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fis-16 ta' Ġunju 2017 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

[1] Vol. I: *a fol.* 75.

1. b'għemil żieni, ikkorrompa lill-minuri OMISSIS OMISSIS mwielda fis-OMISSIS;

2. fl-istess ċirkostanzi ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta' u ċioè l-minuri OMISSIS OMISSIS mwielda fis-OMISSIS meta hu kien saċerdot u ċioè persuna li abbużat b'pożizzjoni ta' fiduċja rikonoxxuta jew awtorita'.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Marzu 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 18, 31, 203(1) (qabel ma daħal Att XXIII tal-2017), 204C(1) (qabel ma daħal Att XIII tal-2018) u 208AC(1)(g) (qabel ma daħal Att LXIV tal-2021) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu b'dan illi qieset it-tieni (2) imputazzjoni bħala mezz għal fini tal-ewwel (1) imputazzjoni u:

- ikkundannatu tliet (3) snin u sitt (6) xhur priġunerija;

- *ai termini* ta' Artikolu 208B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti mponiet prevenzjoni permanenti fuq l-imputat milli jeżerċita attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett jew regolari ma' minuri u ordnat li dan għandu jiġi rifless fil-fedina penali tiegħu *ai termini* ta' Artikolu 208B(2A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- *ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti mponiet fuq l-imputat Ordni ta' Trażżin a favur il-*parte civile* għal żmien tliet (3) snin u liema Ordni kellu jifforma parti integrali mis-sentenza;

- *ai termini* ta' Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li isem l-imputat jitpoġġa fir-Reġistru mwaqqaf a bażi ta' dan l-Att u konsegwentement ordnat li kopja tas-sentenza mogħtija minnha tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati għall-annotazzjoni neċessarji;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas l-ammont ta' elf, mija u ħamsa u għoxrin Euro u sebgħin ċenteżmu (€1,125.70) rappreżentanti spejjez peritali naxxenti mill-kawża.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena, jew, alternattivament tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-28 ta' April 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-10 ta' Marzu 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw, fost l-oħrajn, l-allegat korruzjoni ta' minuri ossia tal-*parte civile* OMISSIS OMISSIS minn naħa tal-appellant fejn mentri l-appellant kien kappillan tar-raħal, il-*parte civile* kienet tiġi n-neputija tas-sagristan. Jidher li fil-familja tal-*parte civile* kien hemm xi problemi ta' separazzjoni u hija kienet tmur tkellem lill-nannuha. Minħabba li dan kellu xi problemi ta' saħħa l-appellant offra li jisma l-problemi tal-*parte civile*. Wara xi

ftit żmien żviluppat ħbiberija bejn l-appellant u l-*parte civile* sakemm il-*parte civile* meta kellha ftit aktar minn ħmistax (15)-il sena tat bewsa fuq xufftejn lill-appellant. Għal dan l-avveniment l-appellant wieġeb u twieldet relazzjoni bejn it-tnejn liema relazzjoni kkumplikat ruħha meta l-appellant ipprova jwaqqafha. F'dak il-mument il-*parte civile* bdiet thedded lill-appellant għax hija ma riditx li r-relazzjoni tispiċċa sakemm fl-aħħar, minħabba li tgħid li ħasset li kienet ġiet użata, irrappurtat lill-appellant lill-Kurja li minn naħa tagħhom mexxew ir-rapport għand il-Pulizija. Eventwalment l-appellant allura imputat tressaq quddiem l-Ewwel Qorti taħt arrest u ġie akkużat bl-imputazzjonijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom b'mod separat. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-aggravji hija tfakkar li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha.

> Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti sabitu ħati ta' atti kommessi f'perjodu li ma huwiex kopert fl-imputazzjonijiet. Huwa jiċċita mis-sentenza appellata u jirrimarka li l-Ewwel Qorti korrettament qieset li x-xiehda tiegħu u l-istqarrijiet tiegħu kellhom jitqiesu bħala prova kruċjali u jgħid li l-Ewwel Qorti qalet li l-istqarrija tikkorrobora perfettament dak li qalet il-*parte civile* u turi biċ-ċar li hu "ammetta" li kien ikkorrompa lill-*parte civile*. Jisħaq li l-osservazzjonijiet tal-Ewwel Qorti juru s-segwenti tliet fatturi:

- li l-Ewwel Qorti aċċettat li meta l-*parte civile* kellha ħmistax (15)-il sena, l-unika att kommess bejnha u bejnu kienet bewsa;

- li l-Ewwel Qorti kkonstatat li l-verżjoni tal-*parte civile* ġiet korroborata minnu b'dan illi l-appellant jisħaq li huwa "ammetta" biss fatti li seħħew wara li l-*parte civile* għalqet is-sittax (16)-il sena;

- li l-Ewwel Qorti sabitu ħati ta' atti li seħħew wara li l-*parte civile* għalqet l-eta' ta' sbatax (17)-il sena.

Illi l-appellant jargumenta li l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu jirreferu għal perjodu mis-16 ta' Ġunju 2017 u x-xhur ta' qabel u għalhekk ma jinkludux fatti li seħħew konsenswalment wara dan il-perjodu. Jgħid li bewsa fuq ix-xufftejn, konsenwali *o*

*meno*, la tikkostitwixxi r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u lanqas dik ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali. L-appellant itenni li l-fatti temporali kif espressi fl-imputazzjonijiet seħħew meta l-*parte civile* kellha ħmistax (15)-il sena u fil-ġurnata li għalqet sittax (16)-il sena. Jilmenta li dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti kkunsidrat li kien hemm sensiela ta' atti li baqgħu jseħħu sakemm il-*parte civile* għalqet sbatax (17)-il sena turi li huwa nstab ħati ta' fatti li ma kienux koperti mill-imputazzjonijiet. Jisħaq li minħabba f'hekk għandu jkun liberat mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li miċ-ċertifikat tat-twelid (Vol. I: Dok. "JB 3" – *a fol.* 9) tal-*parte civile* jirriżulta li hija twieldet fis-OMISSIS u li għalhekk fis-16 ta' Ġunju 2017 kienet għadha kemm għalqet sittax (16)-il sena. Jirriżulta ampjament ċar li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat huma marbuta maż-żmien temporali tas-"16 ta' Ġunju 2017" u *"fix-xhur ta' qabel"*.

Illi għalkemm mill-atti proċesswali jirriżulta li ġew ippreżentati numru ta' *chats* li din il-Qorti qrathom kollha bir-reqqa, ħafna minnhom huma rrilevanti għal każ odjern stante li ma humiex koperti bil-linja temporali tal-imputazzjonijiet.

Illi jeħtieġ jiġi ċċarat meta bdiet ir-relazzjoni bejn il-partijiet. F'wieħed mill-messaġġi li hemm fiċ-*chats* bejn il-*parte civile* u l-appellant ossia dak datat 26 ta' Diċembru 2017 l-appellant isemmi hekk (Vol. II: *a fol.* 56): *"Imma dawn l-aħħar 10 xhur sirt nafek iktar"*. Dan juri li r-relazzjoni bejn l-appellant u l-*parte civile* għal tal-anqas kienet ilha għaddejja minn tal-anqas bejn wieħed u ieħor mis-26 ta' Frar 2017 meta l-*parte civile* kien għad kellha ħmistax (15)-il sena. Dan huwa viċin dak li jgħid l-istess appellant waqt ix-xiehda mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti fis-6 ta' Ottubru 2023 (Vol. II: *a fol.* 634 *et seq.*) meta jispjega li r-relazzjoni mal-*parte civile* kienet bdiet f'Jannar u mhux fi Frar (Vol. II: *a fol.* 694). Għalhekk huwa ċar li r-relazzjoni nbdiet meta l-*parte civile* kien għad kellha biss ħmistax (15)-il sena.

Illi stabbilit dak li ngħad hawn fuq din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant u ċioè li l-Ewwel Qorti sabitu ħati ta' atti li twettqu f'perjodu mhux kopert mill-imputazzjonijiet u dan tant huwa hekk li l-Ewwel Qorti tillimita ruħha sal-mument fejn l-appellant jammetti li mar fid-dar fejn kienet toqgħod il-*parte civile* u sabha fis-sodda ta' ommha u dan wassal għal attivita' fejn il-partijiet qagħdu jmissu l-partijiet intimi ta' xulxin. Dan joħroġ ċar minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ingħad hekk (Vol. II: *a fol.* 847 u 848):

> "Illi di più l-Qorti tfakkar li anke meta xehed minn jeddu l-imputat, hu stess ammetta *a fol.* 648 u 649 tal-atti proċesswali kif hu ltaqgħa mal-*parte civile* ġod-dar matrimonjali u wettqu atti sesswali fuq xulxin, b'dana li hu kien qiegħed imiss il-ġisem tal-istess *parte civile*.
>
> Għalhekk stante l-ammissjoni tal-akkużat kif ikkorroborat mill-*parte civile*, kif ukoll stante dak li tgħid il-każistika suċitata, il-Qorti tqis li l-akkużat għandu jinsab ħati tal-ewwel (1) akkuża kif dedotta kontrih."

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali li dan l-avveniment seħħ fil-*birthday* tal-*parte civile* u ċioè fis-16 ta' Ġunju 2017 għalhekk fil-perjodu nkluż fl-imputazzjonijiet. Wara li din il-Qorti qrat bir-reqqa s-sentenza appellata tinnota li ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant u ċioè li l-Ewwel Qorti sabitu ħati ta' fatti li seħħew meta l-*parte civile* kellha sbatax (17)-il sena.

Illi mix-xiehda mogħtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti (Vol. II: *a fol.* 634 *et seq.*) huwa spjega li bejn Jannar u Frar kien hemm sitt inkontri (Vol. II: *a fol.* 680) u li f'dawn l-inkontri l-attivita' amoruża kienet limitata għal bews. Meta l-appellant ġie mistoqsi jgħid jekk kienx hemm attivita' oħra huwa wieġeb li ma kienx hemm attivita' oħra għajr bews. Għalhekk jirriżulta li dan ma kienx każ ta' bewsa iżolata.

Illi fix-xiehda mogħtija minnha, il-*parte civile* (Vol. I: *a fol.* 78 *et seq.*) issemmi wkoll li xi ġranet wara l-ewwel bewsa hija kienet marret

fil-knisja parrokkjali u kien hemm sitwazzjoni fejn allegatament l-appellant mess il-partijiet intimi tagħha. L-appellant jiċħad dan. Dwar dan din il-Qorti tirrimarka li għalkemm sabet riskontru tiegħu fiċ-*chats* pero' fl-istess waqt jiġi nnutat li l-*parte civile* qalet biss dak li għadu kemm ingħad meta r-relazzjoni ta' bejniethom kienet inkisret b'dan illi fl-istess *chats* l-appellant jiċħad tali avveniment. Din il-Qorti tqis li b'din l-istorja l-*parte civile* kienet qed tipprova torbot lill-appellant magħha fit-tentattiv sabiex iżżomm ħajja r-relazzjoni tagħha miegħu.

Illi rigward l-argument tal-appellant li bews ma hijiex att ta' korruzjoni ta' minorenni din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fis-7 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. *Omissis*** (Numru 298/2017) fejn din il-Qorti diversament għamlet riferenza u ċċitat is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti (liema sentenza ġiet konfermata minn din il-Qorti diversament preseduta) u qalet hekk:

> "2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali […] stqarret is-segwenti:
>
> > "[…]
> >
> > Illi din il-Qorti tixtieq tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **P vs. Thomas Wiffen** datata 08/01/1996 dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri:
> >
> > *'For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act (atto di libidine) and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstance in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite, either of the agent or of the victim,*

*and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purpose of the offence in question. The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. Thus the lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor.*

*'Atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileviamo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e' diretto colle funzioni sessuali' (Vol. VIII, parte 3, p. 967).*

*Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza' (Manzini V. op. cit. p 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl – in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed – with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.'*

Dwar ir-rekwiżit tal-korruzzjoni per se l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:

*'As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge – the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement 'at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused,' so that 'if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender', then, always according to the appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*'For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilment shall be immediate.* ***The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the rememberance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime****' (p 226)*

*(...) In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts – for*

> *example, because he or she was, to some degree, already depraved – whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement.'"*

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat hija tinnota li għalkemm ma hemmx regola xjentifika għal dak li jikkostitwixxi korruzjoni ta' minorenni, f'dan il-każ jirriżulta minn kliem l-istess appellant li minkejja li huwa rċieva l-ewwel effużjonijiet taħt forma ta' bewsa huwa rritorna din il-bewsa u sussegwentement kien hemm ċirkostanzi oħra fejn seħħ aktar bews. Jirriżulta wkoll li l-*parte civile* setgħet talbet aktar mill-bewsa għalhekk huwa ndubitat li dan l-avveniment qanqal fil-*parte civile "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused"* li ġie msemmi hawn fuq. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti mhux korrett l-appellant meta jgħid li bewsa mhijiex atti ta' korruzjoni ta' minorenni u konsegwentement l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud fejn jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant ossia dik li temani minn Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi minkejja dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, fil-fehma ta' din il-Qorti mhux bilfors jista' jingħad l-istess fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat. It-tieni (2) imputazzjoni temani minn Artikolu 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illum dan l-artikolu jaqra hekk:

> "Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta'priġunerija minn ħames snin sa għaxar snin."

Fiż-żmien li jingħad li s-seħħ ir-reat mertu tal-kawża odjerna, Artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 imsemmi kien jaqra hekk:

> "Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija

għal żmien mhux iżjed minn sentejn, bir-reklużjoni jew mingħajrha."

Illi għalhekk din il-Qorti tinnota li l-liġi nbidlet b'mod li l-protezzjoni li hija tagħti hija limitata għal persuni taħt l-eta' ta' sittax (16)-il sena. Tenut kont ta' dan jirriżulta li l-imġieba u l-azzjonijiet li l-appellant għamel mal-*parte civile* b'mod partikolari mis-16 ta' Ġunju 2017 'il quddiem, u ċioè minn meta hija għalqet l-eta' ta' sittax (16)-il sena ma għadhomx jikkonfiguraw bħala reat bil-konsegwenza (li kieku l-imputazzjonijiet jkunu bbażati biss fuq dawn atti) li l-appellant fuq dawn l-atti jkun liberat. Bil-kontra li kieku wieħed kellu japplika l-liġi l-qadima l-atti li wettaq fis-16 ta' Ġunju 2017 ikunu punibbli. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Deniro Bugeja** (Numru 15/2020) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

"17. [...]

Issa għalkemm l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni ma jsemmiex il-prinċipju tar-retroattivita' tal-piena l-inqas ħarxa, il-QEDB stabbilit illi dan il-jedd imħaddan f'dan l-artikolu jiggarantixxi mhux biss il-prinċipju tan-non-retroattivita' tal-piena l-iktar severa, iżda jimplika wkoll il-prinċipju tar-retroattivita' tal-liġi kriminali l-inqas oneruża.

***"That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence). The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the***

> ***time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive" (ibid., § 108). The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law (ibid., § 106). Furthermore, the Court has found that the principle of the retrospective application of the more lenient criminal law applies not only to the applicable penalty but also in the context of an amendment relating to the definition of the offence.[2]"***

18. Illi l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi fil-perijodu taż-żmien indikat fl-akkuża lilu addebitata, l-appellant spiċċa rinfaċċjat bi bdil fil-liġi tant illi mhux biss ħraxu l-pieni, iżda saħansitra inbiddlu l-elementi meħtieġa għar-reita', liema bdil ġie fis-seħħ proprju fl-14 ta' Mejju 2018 biex b'hekk fil-konfront tiegħu ż-żmien temporali li fih kien mixli kien regolat b'żewġ liġijiet differenti kemm kif ingħad regolanti l-piena, kif ukoll fil-parti sostantiva ta' l-istess.

> ***92. The guarantee enshrined in Article 7, which is an essential element of the rule of law, occupies a prominent place in the Convention***

[2] "https://www.echr.coe.int/documents/guide_art_7_ENG.pdf".

*system of protection, as is underlined by the fact that no derogation from it is permissible under Article 15 of the Convention in time of war or other public emergency. It should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment (see S.W. v. the United Kingdom and C.R. v. the United Kingdom, 22 November 1995, § 34 and § 32 respectively, Series A nos. 335-B and 335-C, and Kafkaris, cited above, § 137).*

*93. Article 7 § 1 of the Convention goes beyond prohibition of the retrospective application of criminal law to the detriment of the accused. It also sets forth, more generally, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen, nulla poena sine lege). While it prohibits in particular extending the scope of existing offences to acts which previously were not criminal offences, it also lays down the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused's detriment, for instance by analogy (see, among other authorities, Coëme and Others v. Belgium, nos. 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 and 33210/96, § 145, ECHR 2000-VII).*

*94. It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requirement is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable (see Kokkinakis v. Greece, 25 May 1993, § 52, Series A no. 260-A; Achour, cited above, § 41; and Sud*

> ***Fondi Srl and Others v. Italy, no. 75909/01, § 107, 20 January 2009).***
>
> ***95. The Court must therefore verify that at the time when an accused person performed the act which led to his being prosecuted and convicted there was in force a legal provision which made that act punishable, and that the punishment imposed did not exceed the limits fixed by that provision (see Coëme and Others, cited above, § 145, and Achour, cited above, § 43). .....***
>
> ***109. In the light of the foregoing considerations, the Court takes the view that it is necessary to depart from the case-law established by the Commission in the case of X v. Germany and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant*[3]*."***

Illi b'hekk isegwi li din il-Qorti trid tapplika l-liġi lanqas restrinġenti. Din il-Qorti hija tal-fehma li sabiex tara liema hija l-liġi kriminali lanqas restrinġenti, il-Qorti trid tagħmel analiżi ta' liema verżjoni mil-liġijiet tkun l-aktar favorevoli lejn il-persuna mixlija b'dan illi meta tkun qed twettaq dan l-analiżi, il-Qorti ma tridx tillimita ruħha biss lejn il-piena.

[3] "Scoppola vs Italy".

Illi huwa ċar f'għajnejn din il-Qorti li, jekk wieħed kellu japplika l-liġi kif kienet qabel is-sena 2018, bl-aġir tiegħu l-appellant ikun wettaq r-reat li jikkonfigura taħt Artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa jekk wieħed ineħħi mill-ekwazjoni l-avvenimenti li seħħew minn meta l-*parte civile* għalqet sittax (16)-il sena l-attivita' amoruża ta' bejn l-appellant u l-*parte civile* kienet ristretta għal bews. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2018 fl-ismijiet **The Police vs. *Omissis*** (Numru 491/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "That the appellant was also found guilty of the third charge which reads *"Took part in sexual activities with minor Omissis".* The Court makes reference to the judgment in the names '**<u>Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs. Raisa Mangion</u>**'[4] which was also made reference to by the First Court in the appealed decision, where it was considered that:
>
> *"Il-liġi ma tagħtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa magħruf li dawn l-atti jrid ikollhom bħala minimu ċertu element ta' sess sabiex l-atti jissejħu attivitajiet sesswali u għalhekk m'hemmx dubju li għandu jkun hemm l-użu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti fir-relazzjoni. Għalhekk mhux kwalsiasi att bejn żewġ minn nies f'relazzjoni tista' tissejjah attivita' sesswali bħal per eżempju tgħanniq jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjaħ attivita' sesswali.""*

Illi mill-atti proċesswali ma jirriżultax li kien hemm xi forma ta' attivita' amoruża li tinvolvi l-organi sesswali tal-partijiet. Għaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti hemm nieqes l-element ta' attivita' sesswali biex b'hekk allura r-reat konfigurat taħt Artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jissussistix b'dana illi għalhekk il-liġi l-aktar favorevoli lejn l-appellant tkun proprju l-

[4] "Decided by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature on the 23rd. July, 2014 (1081/2013)."

liġi odjerna. Għaldaqstant isegwi li l-aggravju in eżami ser jiġi milqugħ biss fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-appellant.

Illi ġialadarba li l-aggravju in eżami ġie miċħud limitatment fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni pero' ġie milqugħ fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni b'hekk l-appellant ser jiġi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti erronjament sabitu ħati ta' atti li seħħew wara li l-*parte civile* għalqet is-sittax (16)-il sena. L-appellant jispjega li l-kliem *"persuni ta' taħt l-eta'"* f'Artikoli 203(1) u 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew mibdula bil-kliem *"persuna ta' taħt is-sittax-il sena"*. Jargumenta li dawn l-emendi daħlu fis-seħħ fl-14 ta' Mejju 2018 bis-saħħa ta' Avviż Legali 154 tal-2018. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għażlet li ssibu ħati ta' reati li l-leġislatur għażel li jiddepenalizza. Jgħid li wara li l-Ewwel Qorti kkwotat Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 157 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta hija għażlet li tapplika l-provvediment tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fiż-żmien meta seħħew ir-reati. Waqt li jirreferi għal ġurisprudenza nostrana l-appellant jispjega li kellu jiġi liberat mir-reati addebitati minħabba li tali reati ma kienux, fiż-żmien tas-sentenza, jikkostitwixxu reati.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, filwaqt li tagħmel riferenza għal konsiderazzjonijiet li saru minnha fir-rigward tal-ewwel aggravju tapplika *mutatis mutandis* dawn il-konsiderazzjonijiet fir-rigward tat-tieni aggravju b'dan illi dan l-aggravju qed ikun milqugħ biss fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni filwaqt li ser jiġi miċħud għal dak li jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju l-appellant jilmenta dwar il-piena ta' priġunerija effettiva erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu u jisħaq li tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ din hija waħda eċċessiva. Huwa jispjega li f'dan il-każ jeżistu numru ta' fatturi li jimmilitaw kontra piena ta' priġunerija effettiva. Huwa jsemmi l-fedina penali inċensurata tiegħu, il-fatt li r-relazzjoni mal-*parte civile* kienet waħda konsenswali u fejn qatt ma seħħ konġunġiment karnali, u li dan il-każ huwa wieħed partikolari minħabba li huwa każ fejn kien hemm attrazzjoni reċiproka. Ikompli li f'dan il-każ huwa għamel minn kollox biex itemm ir-relazzjoni minkejja t-theddid u r-rikatti. Jgħid li l-Ewwel Qorti setgħet timponi piena aktar idonea bħal Ordni ta' *Probation* jew xogħol fil-komunita'.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*

11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li

> tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi din il-Qorti tinnota li meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li hija ser tillibera lill-appellant mit-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu b'hekk isegwi li għandu jkun hemm temperament fil-piena.

Illi jirriżulta li l-piena prevista għal Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fi żmien ir-reat kienet ta' mhux aktar minn tliet snin priġunerija waqt li l-piena odjerna hija ferm aktar iebsa u għalhekk b'applikazzjoni ta' Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta trid tiġi applikata l-piena l-anqas gravi. Magħdud ma' dan għandu jitqies li l-aġir tal-appellant jikkwalifika bħala reat kontinwat u allura a tenur ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-piena tista' tiżdied bi grad jew bi tnejn u għalhekk il-piena massima li tista' tiġi imposta hija dik ta' ħames snin priġunerija.

Illi filwaqt li din il-Qorti qieset bir-reqqa l-fatturi li l-appellant semma fl-aggravju in eżami fejn huwa qal li dawn il-fatturi għandhom jimmilitaw kontra piena ta' priġunerija effettiva pero' fl-istess waqt din il-Qorti ma tistax ma tqiesx ukoll il-fiduċja li s-soċjeta' torbot ma' saċerdot u r-rwol ta' kappillan f'raħal, liema fiduċja ġiet traduta mill-appellant! Minħabba dan, din il-Qorti ma tarax li f'dan il-każ għandha tagħti piena alternattiva bħal dik ta' Ordni ta' *Probation* jew servizz fil-komunita'. Għall-istess raġuni gravi msemmija din il-Qorti tinnota li l-unika piena li l-appellant għandu jiġi kkundannat għaliha u li tirrefletti l-gravita' ta' dak li huwa nstab ħati tiegħu hija dik ta' piena ta' priġunerija effettiva. Meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li din il-Qorti ser tillibera lill-appellant mit-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-fedina penali tal-appellant, il-fatt li r-relazzjoni ta' bejn l-appellant u l-*parte civile* kienet waħda konsenswali u li l-appellant għamel minn kollox biex itemm ir-relazzjoni jwassal lil din il-Qorti li tqies li

piena ta' għoxrin (20) xahar priġunerija tkun aktar idonea fiċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi milqugħ biss fir-rigward ta' dak appena msemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant OMISSIS OMISSIS u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħha u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħha;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie kkundannat tliet (3) snin u sitt (6) xhur priġunerija u minflok tikkundannah għoxrin (20) xahar priġunerija;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**